



# EESC Info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

September 2024 | MT

Available Languages:

|    |    |    |    |    |    |    |    |    |    |    |    |    |    |    |    |
|----|----|----|----|----|----|----|----|----|----|----|----|----|----|----|----|
| ES | BG | CS | DA | EN | DE | ET | FR | EL | GA | HR | IT | LV | LT | HU | MT |
| NL | PL | PT | FI | RO | SK | SL | SV |    |    |    |    |    |    |    |    |

## EDITORIAL



## Editorjal

### **Il-valuri tal-isport ma jiqdiemu qatt: jgħaqqu lin-nies u lill-pajjiżi**

Għeżież qarreja,

Il-KESE ħa l-inizjattiva *Flimkien aktar b'saħħitna għall-valuri tal-isport* biex japprova l-valuri minqux fl-Olimpjadi tal-2024 f'Pariġi mill-perspettiva tas-soċjetà ċivili. L-inizjattiva enfasizzat il-ħidma tal-Kumitat li minn dejjem kien fuq quddiem nett fil-promozzjoni tal-isport bħala forza pożittiva għat-trawwim ta' valuri b'saħħithom fis-sezzjonijiet kollha tas-soċjetà.

B'din l-inizjattiva, nixtiequ ngajmu simbolikament l-idea ta' *tregwa* li ġiet introdotta għall-ewwel darba fl-Olimpjadi antiki fil-Greċja, li jmorru lura għas-seklu 9. It-tregwa, *Ekecheiria* bil-

Grieg, matul iċ-ċelebrazzjoni tal-logħob kienet perjodu ta' paċi fost l-istati bliet f'kunflitt, bil-għan li tippermetti parteċipazzjoni sikura fil-logħob għall-atleti u l-ispettaturi.

Illum il-ġurnata, l-idea ta' tregwa tidher aktar f'waqtha minn qatt qabel minħabba x-xenarju ġeopolitiku fraġli attwali, meta wieħed iqis il-kunflitt u t-taqlib politiku fl-Ewropa u f'partijiet oħra tad-dinja.

Barra minn hekk, nixtiequ napprovaw il-valuri tal-isport li ma jiqdiemu qatt. Kif qal Nelson Mandela, l-isport jista' joħloq tama fejn darba kien jirrenja biss id-disprament. Il-valuri li qed niddefendu għandhom is-setgħa li jbiddu d-dinja u jgħaqqu lin-nies u lill-pajjiżi b'mod li jgħib il-paċi u l-armonija, u bi prevalenza tar-rispett u l-ħbiberija.

F'dan il-kuntest nedejna kampanja qasira li tirrifletti t-tliet valuri oriġinali tal-eċċellenza, ir-rispett u l-ħbiberija, li evolwew matul is-snin, b'kont meħud tal-persuni b'diżabilità.

Is-soċjetà ċivili organizzata hija favur l-ispiritu tal-bini ta' dinja paċifika u aħjar permezz tal-edukazzjoni taż-żgħażaġh bi sport li jiġi pprattikat mingħajr diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip, u fi spirtu ta' ħbiberija, solidarjetà u logħob ġust.

L-artikli, l-elementi grafiċi, il-messaġġi bil-vidjow u d-dikjarazzjonijiet mill-membri tagħna ġew ippubbliċizzati fuq is-sit web tal-KESE u l-pjattaformi tal-media soċjali tal-KESE sa mill-bidu tal-Logħob ta' Pariġi. Il-kampanja ssoktat matul il-Paraolimpjadi, u enfasizzat li din iċ-ċelebrazzjoni sportiva kbira tħalli stampa qawwija fuq is-soċjetà, billi tenniet messaġġi b'saħħithom għal opportunitajiet indaqs u trattament ugwali.

Il-valuri tal-isport fil-Logħob ta' Pariġi jaqblu ħafna mal-valuri Ewropej tal-libertà, il-paċi, id-diversità u l-inklużjoni. Dawn il-valuri għandhom ikunu l-prinċipji gwida fil-ħajja tagħna ta' kuljum, fejn id-differenzi u l-kunflitti għandhom jiġu ttrattati permezz tad-djalogu u r-rispett reċiproku.

Il-KESE, id-dar tas-soċjetà ċivili organizzata, dejjem iddefenda dawn il-valuri, billi ppromova soċjetà aktar inklużiva, ġusta u koeżiva, li tiżgura opportunitajiet indaqs u l-parteċipazzjoni attiva tal-membri kollha tiegħu.

**#Paris2024**

Dejjem tagħkom,

**Laurențiu Plosceanu**

Viċi President għall-Komunikazzjoni

## DATI TAD-DJARJU

23 ta' Settembru 2024

**Ċerimonja tal-Premjijiet tal-UE għall-Produzzjoni Organika**

24 ta' Settembru 2024

**II-Konferenza annwali tal-Grupp dwar is-Semestru Ewropew**

17-18 ta' Ottubru 2024

**Seminar "Nikkollegaw l-UE"**

23-24 ta' Ottubru 2024

**Sessjoni plenarja tal-KESE u Forum ta' Livell Għoli dwar it-Tkabbir tal-UE**



## MISTOQSIJA LIL...

**X'inhw l-valur tal-Paralimpiċi u kif dawn u kompetizzjonijiet sportivi oħra jgħinu biex jitneħħew l-ostakli għall-persuni b'diżabilità?**

**Il-membru tal-KESE Pietro Barbieri** jikteb dwar l-istorja tal-kompetizzjonijiet sportivi għall-persuni b'diżabilità u kif iż-żewġ Olimpjadi – dik li saret f'Seoul fl-1988 u l-oħra f'Londra fl-2012 – ġabu l-bidla tant meħtieġa fil-perċezzjoni tad-diżabilità. Fl-aħħar dħalna f'dinja ta' sport ipprattikat minn kulħadd għal kulħadd.



## MA BAQG?UX INVI?IBBLI: KIF L-OLIMPIJADI TA' SEOUL U LONDRA G?AMLU L-ISTORJA

### **Minn Pietro Barbieri**

L-isport għall-persuni b'diżabilità ħareġ minn sforzi ta' riabilitazzjoni fil-perjodu ta' wara l-gwerra. Dan kien mod biex il-fiżjoterapija ssir aktar interessanti u pjaċevoli. Il-logħob u l-gost għen lin-nies jiskopru mill-ġdid is-sabiħ tal-ħajja, fil-kundizzjoni l-ġdida tagħhom, minħabba avveniment trawmatiku, jew mit-twelid.

Kien hemm żewġ għanijiet speċifiċi: li nsaħħu l-awtonomija fiżika tan-nies, u li ngħinuhom jirkupraw identità ġenwina u soda proprja. Illum nistgħu ngħidu li kien hemm bidla minn logħob iffukat fuq ir-riabilitazzjoni għat-tisħiħ tal-pożizzjoni. Fi kliem ieħor, it-tisħiħ tal-pożizzjoni ta' dawk li

ħassew li ma kellhom l-ebda setgħa jew li kienu tilfuha. Is-setgħa fuqhom infushom u fuq id-deċiżjonijiet tagħhom stess. Il-qalba tad-drittijiet tal-bniedem.

Il-mod naturali kif dan jista' jsir huwa permezz tal-immaġni soċjali tan-nies – l-immaġni perċepita minn oħrajn. Il-perkors ta' rkupru proprju huwa direttament konness mal-komunità li fiha jgħixu n-nies. Il-parteċipazzjoni fl-isport issir mezz biex il-parteċipanti jasserixxu d-drittijiet fundamentali u d-dinjità tagħhom stess.

Dan kien vjaġġ twil fid-dlam; il-pijunieri tas-snin sittin kienu eroj qabel żmienhom. Madankollu, dawn kienu l-eroj fil-vjaġġ twil bejn dawk is-snin u ż-żminijiet tal-lum. Din kienet ġlieda biex jinkiseb rikonoxximent tal-kapaċità tal-atleti Paralimpiċi.

Avveniment wieħed se jinżel fl-istorja: l-Olimpjadi ta' Seoul tal-1988. Kien il-qofol tal-battalja biex jinkiseb rikonoxximent fid-dinja sportiva, fejn l-istigma madwar l-ideali fiżiċi, sensorji u mentali tant kienet b'saħħitha li kienet tikkostitwixxi ostaklu akbar milli saħansitra l-inklużjoni fid-dinja tax-xogħol, fejn kien jipprevali preġudizzju ta' nuqqas ta' produttività. Dawk l-Olimpjadi kienu storiċi minħabba li l-Kumitat Olimpiku Internazzjonali ried jintroduċi kompetizzjonijiet għal atleti b'diżabilità li jalternaw ma' dawk mingħajr diżabilità. Kien esperiment li seħħ darba biss, minħabba li kwistjonijiet organizzattivi – b'mod partikolari dawk marbuta mal-aċċessibbiltà – għamluha diffiċli li dan jitkompla. Għalkemm dibattibbli, dik l-għażla tat lok għall-Paralimpjadi kif nafuhom illum, li jirrikonoxxu tabilħaqq l-isforzi tal-atleti Paralimpiċi kollha. Fl-aħħar ninsabu f'dinja fejn l-isport huwa pprattikat minn kulħadd, għal kulħadd. Era ġdida.

Wara, kien meħtieġ li l-isport Paralimpiku jsir attraenti għan-numru kbir ta' persuni li segwew l-isport fuq il-post jew fuq it-televiżjoni. F'Seoul fl-1988, il-kummentaturi tat-televiżjoni tant ma kinux familjari li lanqas biss kienu jafu min kienu l-favoriti ta' kull kompetizzjoni individwali. Kif nistgħu nimmaġinaw, ir-riżultati kienu diżastrużi. Maż-żmien, il-ġurnalisti sportivi tgħallmu jsegwu l-attivitajiet tal-atleti b'diżabilità. Dan kien pass fundamentali lejn it-tibdil tan-narrattiva.

Dan iwassalna għal avveniment fundamentali ieħor: l-Olimpjadi ta' Londra tal-2012. Dawn kienu organizzati b'mod impekkabbli, b'kampanja televiżiva b'saħħitha b'mod partikolari fir-Renju Unit. Dan irriżulta fi stadiums mimlijin għal kull dixxiplina sportiva. Kien ukoll il-mument meta ċerti atleti saru famużi bis-saħħa tan-narrattiva ġurnalistika l-ġdida. L-istess bħall-kollegi Olimpiċi tagħhom.

Id-dinja nbidlet mis-snin ħamsin. Is-sensazzjoni li ma tibqax kompletament inviżibbli saret assi kollettiv għall-persuni b'diżabilità. Din in-narrattiva hija triq li nittamaw li tista' tiġi replikata fl-oqsma kollha tal-ħajja tan-nies, kif iddikjarat il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità li neħtieġu bidla fundamentali. Fl-isport, minkejja kollox, ċertament li kellna waħda.

---



## IL-MISTIEDEN SORPRI?A

Il-mistieden sorpriża tagħna huwa l-eks weightlifter Grieg u rebbieħ ta' tliet midalji tad-deheb fl-Olimpjadi, **Pyrros Dimas**, li spjegalna x'joltu fil-Logħob Olimpiku. Minkejja l-fatt li, maż-żmien, l-Olimpjadi ndiblu b'ħafna modi, il-prinċipji tal-Olimpiżmu u l-emozzjonijiet tal-atleti kompetituri baqgħu l-istess bħal qatt qabel.

**Is-Sur Dimas** huwa Viċi President tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Irfigħ tal-Piżijiet u l-kowċ tat-tim nazzjonali tal-Istati Uniti tal-Amerka. Huwa rebaħ tliet midalji tad-deheb u midalja waħda tal-bronż fl-Olimpjadi, u kien membru tal-Parlament Grieg u President tal-Federazzjoni Ellenika tal-Irfigħ tal-Piżijiet.



## DAK LI NARA FL-OLIMPJADI

Jien raġel ixxurtjat. L-Olimpjadi f'Pariġi kienu d-disa' edizzjoni ta' dan l-avveniment li attendejt. L-ewwel darba kienet f'Barcellona, fl-1992. Ipparteċipajt bħala atleta u tlajt fuq il-podju f'erbgħa edizzjonijiet tal-Logħob. Il-ħames edizzjonijiet l-oħra esperjenzajthom minn kull prospettiva possibbli: bħala spettatur, bħala membru tal-Federazzjoni Internazzjonali tal-Irfigħ tal-Piżijiet u bħala kowċ għat-tim nazzjonali tal-Istati Uniti tal-Amerka. Matul dawn l-għexieren ta' snin ta' ċaqliq fl-isferi Olimpiċi, rajt ħafna bidliet. Apparti l-bliet ospitanti, inbidlu ħafna karatteristiċi fl-Olimpjadi. L-iżviluppi fil-kopertura tat-televiżjoni ppermettew lill-ispettaturi jkunu eqreb tal-atleti, u saħansitra jistgħu jaraw l-emozzjonijiet fuq wiċċhom. L-introduzzjoni ta' Prattiki sportivi ġodda fil-programm Olimpiku ġibdet udjenzi żgħażaġh u familjarizzatna ma' dixxiplini li qatt ma konna smajna dwarhom. Fl-istess ħin, il-kunċett tas-sigurtà jfakkarna lkoll li qed ngħixu f'dinja imprevedibbli, fi żminijiet ta' taqlib.

Għalhekk, kollox qed jinbidel fil-Logħob Olimpiku. Kollox ħlief il-prinċipji tal-Olimpiżmu u l-ħolm tal-atleti li qed jieħdu sehem. Fid-dinja tal-lum, l-ideali Olimpiċi huma aktar rilevanti minn qatt qabel. Barra minn hekk, l-Olimpiżmu ta' spiss ikun qabel iż-żmien tiegħu. Kunċetti bħall-inklużjoni, l-aċċettazzjoni tad-diversità u l-koeżistenza armonjuża ilhom jikkostitwixxu l-ispirtu Olimpiku għal għexieren ta' snin, ħafna qabel ma ġew diskussi mis-soċjetajiet. Madankollu, bħala sportiv, bħala Olimpjan li jaf kemm huwa diffiċli li tipparteċipa fi sport kompetittiv f'livell daqshekk għoli, jeħtieġ li niffoka primarjament fuq l-atleti. Għal ħafna minn dawn iż-żgħażaġh, il-Logħob Olimpiku jirrappreżenta l-għan tal-eżistenza tagħhom – xi ħaġa li tagħti tifsira lil ħajjithom u li ssawwar il-ħolm tagħhom. Għal din ir-raġuni, u għalija personalment, li nsegwi l-Olimpjadi

mhuwiex dwar it-tabella tal-punti jew il-lista ta' klassifikazzjoni. Insegwi l-Olimpjadi biex nara l-espressjonijiet fuq l-uċuħ tal-atleti, il-ferħ u d-dieqa tagħhom, id-dmugħ u l-entużjażmu tagħhom. Insegwi l-Olimpjadi biex narahom jistinkaw biex jissuperaw lilhom innifishom.



## FIL-QOSOR

Fil-kolonna tagħna “Fil-qosor”, ir-relatur tal-Opinjoni tal-KESE dwar L-idroġenu - infrastruttura, ħtiġijiet ta' żvilupp, finanzjament, użu u limiti, Thomas Kattinig jelenka l-kundizzjonijiet kruċjali li għandhom jiġu ssodisfati biex l-industrija Ewropea tal-idroġenu jkollha futur tajjeb.



## ESPANSJONI, ?ERTIFIKAZZJONI, FINANZJAMENT – L-IDRO?ENU B?ALA ELEMENT KOSTITWENTI TA’ FUTUR EKOLO? IKU

### **Minn Thomas Kattnig**

L-idroġenu ekoloġiku huwa wieħed mill-elementi kostitwenti tat-tranżizzjoni tal-enerġija tagħna, li jagħmel l-introduzzjoni rapida tiegħu importanti ferm għas-sistema tal-enerġija futura kif ukoll għall-benesseri ekonomiku u soċjali tal-UE.

Madankollu, l-istabbiliment tal-provvista, id-domanda, l-infrastruttura u l-produzzjoni fir-rigward tal-idroġenu jinvolti firxa ta’ sfidi. L-idroġenu huwa sew għali sew jiddependi minn kundizzjonijiet qafas adatti. Minn naħa, l-ewwel irridu nimmiraw l-użu tiegħu f’setturi li diffiċilment jiġu elettrifikati, u bħala mezz ta’ ħżin tal-enerġija. Min-naħa l-oħra, irridu niżguraw li jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għal espansjoni rapida u effiċjenti tal-infrastruttura tal-idroġenu.


Tliet punti huma partikolarment kruċjali hawnhekk:

1. G?andu ji?i ?ġurat il-finanzzjament me?tie? tal-infrastruttura. Peress li biex tinbena infrastruttura tat-trasport ser ikun hemm kostijiet sinifikanti, il-KESE jenfasizza l-importanza tal-allokazzjoni effi?jenti tar-ri?orsi. Dan ser jirrikjedi ppjanar intelli?enti u integrat, inklu? bejn il-fruntieri, u re?im regolatorju li jippermetti l-investimenti me?tie?a fl-infrastruttura waqt li ti?i promossa s-sostenibbiltà ambjentali tas-sistema tal-ener?ija kollha kemm hi u ji?u protetti l-utenti tan-network minn tariffi e??essivi tan-network. Fl-istess ?in, ?ertament je?tie? li ji?u evitati pi?ijiet addizzjonali fil-forma ta’ sussidjar re?iproku tal-grilji tal-idro?enu mill-utenti tal-grilja tal-gass. Dan huwa partikolarment importanti peress li l-utenti futuri tal-infrastruttura tal-grilja tal-idro?enu jvarjaw b’mod konsiderevoli mill-utenti tal-grilja tal-gass tal-lum il-?urnata. G?alhekk, huwa importanti li ji?i applikat kemm jista’ jkun il-prin?ipju ta’ min ju?a j?allas u b’hekk ji?i ?ġurat li l-infrastruttura tal-idro?enu ti?i ffinanzjata primarjament mill-utenti ta’ tali infrastruttura.
2. Minbarra l-finanzzjament, trid ti?i ?gurata l-forza tax-xog?ol me?tie?a g?all-espansjoni u l-produzzjoni. Minbarra l-?olqien ta’ impjiegi ?odda ta’ kwalità tajba, ir-riallokazzjoni tal-?addiema e?istenti hija partikolarment importanti. Dan ifisser li l-?addiema e?istenti je?tie? li jit?arr?u kif imiss, u jit?arr?u mill-?did u a?jar, u l-forza tax-xog?ol je?tie? li tin?amm billi ji?u offriti kundizzjonijiet tax-xog?ol tajbin. Pere?empju, l-operaturi tan-network je?tie? li jkunu marbuta bi ftehimiet kollettivi konswetudinarji u l-kundizzjonijiet tax-xog?ol je?tie? li jittejbu biex jattiraw ?addiema tas-seng?a. Il-KESE jappella g?alhekk g?al dialogu so?jali effi?jenti u konklu?iv fis-settur tal-gass kemm fil-livell Ewropew kif ukoll f’dak nazzjonali.
3. Trid ti?i ?gurata ?ertifikkazzjoni uniformi, tra??abbli u obbligatorja tal-idro?enu prodott minn skema ?entrali tal-UE. Minbarra l-kriterji ambjentali, dawn l-iskemi ta’ ?ertifikkazzjoni je?tie? li jiggarrantixxu wkoll standards so?jali. Dawn g?andhom jinkludu kundizzjonijiet tax-xog?ol ?usti u sikuri u konformità mad-drittijiet tax-xog?ol, daww so?jali u tat-trade unions.

Għalhekk, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni teżamina mill-ġdid l-istrateġija għall-idroġenu, li ġustament għet ikkritikata mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. F’kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili fil-livell nazzjonali u Ewropew, għandu jiġi żgurat li titfassal strateġija komprensiva, li tqis iċ-ċertifikkazzjoni, il-finanzzjament, il-ħtiġijiet tax-xogħol, il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur. Huwa biss meta dan iseħħ li l-industrija Ewropea tal-idroġenu jista’ jkollha futur sabiħ.

---

## NEW PUBLICATIONS



European Democracy  
Passport



### Skopri l-Passaport għad-Demokrazija Ewropea – il-gwida tiegħek għa' l-ittadinanza attiva

**Lest li tibda vjaġġ li jawtonomizzak issir ċittadin Ewropew aktar infurmat, involut u attiv? Kemm jekk student, professjonist żagħżuġ jew membru attiv tal-komunità, il-[Passaport għad-Demokrazija Ewropea](#) tal-KESE huwa l-muftieħ biex tagħmel użu sħiħ mid-drittijiet ċiviċi tiegħek.**

Dan il-passaport jipprovdi skedi informattivi, informazzjoni ta' sfond, gwidi u navigaturi għall-aspetti kollha tad-demokrazija Ewropea moderna, inklużi sett ta' għodod għall-parteċipazzjoni u manwal dettaljat dwar l-Inizjattiva ta' Ċittadini Ewropej.

Interessat fl-edizzjoni l-għdida (2023-2024) tal-fuljett dwar il-Passaport għad-Demokrazija Ewropea? [Iktbilna](#) u nibagħtuhulek – issa huwa disponibbli bl-24 lingwa kollha tal-UE.

Tista' wkoll tikkonsulta l-verżjoni interattiva online bl-[Ingliż](#), bil-[Franċiż](#) jew bil-[Ġermaniż](#) (se jiżjeddu iżjed lingwi gradwalment), u tidħol f'dinja li fiha l-vuċi tiegħek tagħmel impatt ġenwin! (ep)

## A?BARIJET TAL-KESE



24 proġett magħżula b'ala kandidati għall-  
Premjijiet tal-UE għall-Produzzjoni Organika 2024

**Tħabbru l-finalisti tal-[Premjijiet tal-UE għall-Produzzjoni Organika 2024](#): 24 proġett minn 12-il pajjiż tal-UE fi tmien kategoriji. Ir-rebbieħa se jitħabbru f'ċerimonja fi Brussell fit-23 ta' Settembru, li se ssir flimkien ma' ċelebrazzjonijiet annwali tal-Jum Organiku tal-UE.**

Il-premjijiet, li jsiru għat-tielet darba, jippremjaw proġetti li huma innovattivi u sostenibbli u li jżidu valur sinifikanti għall-produzzjoni u l-konsum organiku. Jipprovdu lir-rebbieħa bi pjattaforma biex jippreżentaw il-prattiki tajbin taqħhom lil udjenza usa'.

Il-premijiet huma organizzati mill-Kummissjoni Ewropea, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni, COPA-COGECA u IFOAM Organics Europe, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE. Il-bord tal-għażla huwa magħmul minn seba' membri nominati minn dawn il-korpi.

II-finalisti jinkludu:

**L-aqwa bidwi organiku (mara):** Blagovesta Vasilieva (Bulgarija), Caroline Devillers (Bel?ju), Reinhild Frech-Emmelmann (Awstrija)

- **L-aqwa bidwi organiku (raġel):** Gianpaolo Mancini (Italja), Tommi Hasu (Finlandja), Benny Schöpf (?ermanja)
- **L-aqwa reġjun organiku:** Comunidade Intermunicipal do Alto Tâmega e Barroso (Portugall), Castilla - La Mancha (Spanja), South Savo (Finlandja)
- **L-aqwa belt organika:** BioStadt Bremen (?ermanja), Cascais (Portugall), Las Rozas (Spanja)
- **L-aqwa “bijodistrett” organiku:** Distretto del Cibo Monregalese (Italja), Bioregião de S. Pedro do Sul (Portugall), Sörmland Bio-district (?vezja)
- **L-aqwa SME li tipproċessa ikel organiku:** Biologon GmbH (Awstrij), Gino Girolomoni Cooperativa Agricola (Italja), Organic veggie food GmbH (?ermanja)
- **L-aqwa bejjiegħ bil-imnut tal-ikel organiku:** BIOGAST GmbH (Awstrija), Coolanowle Organic Meats (Irlanda), SAIFRESC (Spanja)
- **L-aqwa ristoranti/servizz tal-ikel organiku:** B2 Bio pur GmbH (?ermanja), Biohotel St. Daniel (Slovenja), Kalf & Hansen (?vezja)

Il-produzzjoni organika fl-UE tkopri 17-il miljun ettaru (10.5% tal-art agrikola tal-UE fl-2022), u l-għan huwa li tintlaħaq il-mira tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ta' 25% sal-2030. Iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku u fid-domanda tal-konsumaturi huma kruċjali. Il-Premjijiet tal-UE għall-Produzzjoni Organika, stabbiliti fl-2022 bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp tal-Produzzjoni Organika, jirrikonoxxu l-eċċellenza tul il-katina tal-valur organiku, mill-biedja għas-servizzi tal-ikel, u jteju l-viżibbiltà u l-għarfien tal-prattiki organiċi. (ks)



## Iridu ji?u pprojibiti t-traineeships mhux im?allsa: l-ebda trainee m'g?andu ja?dem b'xejn

**Kważi nofs aktar minn tliet miljun trainee fl-UE ma jirċievu l-ebda kumpens u kważi terz ma għandhom l-ebda aċċess għall-protezzjoni soċjali.**

Il-KESE organizza dibattitu ta' livell għoli f'Lulju bil-għan li tittejjeb il-leġislazzjoni tal-UE dwar it-traineeships fost sejħiet mis-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh biex titwaqqaf il-prattika mifruxa ta' trainees li jaħdmu b'xejn u li ma jkollhom l-ebda aċċess għall-protezzjoni soċjali jew drittijiet tax-xogħol u soċjali oħra.

Fid-dibattitu tas-sessjoni plenarja mal-Kummissarju għall-Impjiegi u d-Drittijiet Soċjali, **Nicolas Schmit**, il-KESE laqa' l-aħħar proposti tal-Kummissjoni li għandhom l-għan li jittejbu t-traineeships fl-Ewropa – [id-Direttiva dwar it-Traineeship u l-Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships](#)

[imsaħħaħ](#).

Madankollu, il-KESE ħeġġeġ lill-koleġislaturi biex isaħħu l-proposti biex jiġi evitat li t-traineeships jintużaw ħażin bħala sors ta' xogħol irħis jew sostitut għall-impjiegi fil-livell inizjali. Huwa enfażizza l-importanza ta' kumpens ġust għat-trainees u li jiġu koperti l-ispejjeż tal-għajxien li jġarrbu meta jieħdu sehem fi traineeship.

**Il-President tal-KESE, Oliver Röpke**, qal li “It-traineeships huma għodda kruċjali li tippermetti liż-żgħażaġh jiksibu esperjenza diretta ta' xogħol. Irridu niżguraw li ħadd miż-żgħażaġh ma jiġi eskluż minn dawn l-opportunitajiet minħabba restrizzjonijiet finanzjarji. Huwa għalhekk li t-traineeships jeħtieġ li jiġu kkompensati b'mod ġust. Irridu nindirizzaw dawk it-traineeships fl-Ewropa li qed jisfruttaw, u nirringrazzja lill-Kummissjoni għall-proposti tagħha biex jintlaħaq dan l-għan.”

**Il-Kummissarju Schmit** qal li “Traineeships jistgħu jkunu mod tajjeb għaż-żgħażaġh biex jiksibu esperjenza inizjali ta' xogħol, jitgħallmu ħiliet ġodda u jibnu n-network tagħhom. Madankollu, dawn iridu jkunu traineeships ta' kwalità tajba. Dan ifisser li jrid ikun hemm objettiv ċar ta' tagħlim, iridu jkunu bi ħlas u t-trainees iridu jirċievu mentoraġġ u gwida biex jgħinuhom fit-tranżizzjoni tagħhom lejn id-dinja tax-xogħol.”

Fl-Opinjoni tiegħu dwar id-[Direttiva dwar it-Traineeship u Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships Imsaħħaħ](#), il-KESE enfażizza r-rwol ewlieni li jaqdu l-awtoritajiet rilevanti fil-ġlieda kontra r-relazzjonijiet regolari ta' impjeg li taparsi jkunu traineeships. L-imsieħba soċjali jistgħu jkunu strumentali f'dawn l-isforzi, f'konformità mal-prattiki nazzjonali eżistenti.

“Huwa essenzjali li jittejjeb il-Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships fl-Ewropa kollha, speċjalment f'termini tat-tisħiħ tal-kontenut tat-tagħlim u t-taħriġ, u li jiġi miġġieled l-abbuż u l-użu ħażin tat-traineeships. Għalhekk nappellaw lill-Kummissjoni biex ittejjeb il-proposti mressqa sabiex tiżgura li dawn l-għanijiet jintlaħqu,” qalet ir-relatur tal-Opinjoni, **Nicoletta Merlo**. (II)



## Il-KESE jinsab lest li ja?dem mal-Presidenza Ungerija? a tal-Kunsill tal-UE


**Is-sessjoni plenarja ta' Lulju tal-KESE inkludiet dibattitu mal-Ministru Ungeriż għall-Affarijiet tal-Unjoni Ewropea, János Bóka, li ppreżenta l-prijoritajiet ewlenin tal-Presidenza Ungeriża tal-Kunsill tal-UE.**

L-Ungerija qed tieħu r-riedni tal-presidenza b'rotazzjoni fi żmien sensittiv għall-Ewropa, żmien ta' tranżizzjoni politika fi ħdan l-istituzzjonijiet u sfidi straordinarji għall-Unjoni. "Il-Presidenza Ungeriża tal-Kunsill tal-2024 waslet fi żmien ta' kriżijiet multipli," qal is-**Sur Bóka**. "Qed naraw gwerra fil-viċinat tagħna, tnaqqis fil-kompetittività Ewropea, żieda fit-tensjonijiet fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-UE, sfidi demografiċi, migrazzjoni mhux ikkontrollata u prospetti li qed jonqsu għall-bdiewa Ewropej."

Waqt li fakkar li l-Kumitat kellu storja twila ta' ħidma tajba mal-presidenzi tal-Kunsill, il-**President tal-KESE Oliver Röpké** tkellem dwar ir-rwol tal-istituzzjoni bħala gwardjan tal-valuri Ewropej: "Il-Kumitat tagħna huwa

impenjat li jaħdem mill-qrib mal-Presidenza Ungeriża biex jiżgura li l-UE qed tieħu azzjoni dwar dak li l-Ewropej iħossu li huma l-aktar prijoritajiet urġenti. Ser inkunu msieħba imprezzabbli, iżda wkoll kritiċi li jesprimu ruħhom b'mod ċar u kostruttivi. Is-soċjetà ċivili għandha vuċi b'saħħitha, u se niżguraw li tinstema'."

Xi membri tal-KESE esprimew tħassib dwar il-pożizzjoni tal-Ungerija dwar il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, ir-rispett għall-istat tad-dritt fl-UE, u l-isparju dejjem jiekien għas-soċjetà ċivili fl-Ungerija. Is-**Sur Bóka** qal li l-presidenza Ungeriża kienet kompletament konxja tar-responsabbiltajiet tagħha u qablet kemm mal-pożizzjoni komuni tal-UE dwar l-Ukrajna kif ukoll mal-istat tad-dritt u l-valuri Ewropej. Il-presidenza Ungeriża diġà kkuntattjat lill-KESE u talbet għaxar Opinjonijiet esploratorji. Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-KESE matul il-presidenza Ungeriża, jekk jogħġbok iċċekkja s-[sit web tal-KESE](#). (mp)



## Il-KESE jo?ro? twissija bikrija dwar l-impatt tat-tkabbir tal-UE fuq l-agrikoltura

**Il-KESE ħareġ twissija bikrija dwar l-impatti agrikoli tat-tkabbir li jmiss tal-UE. Din l-espansjoni trid titqies fl-isfond ta' sfidi globali sinifikanti, inklużi bidliet ġeopolitiċi, it-tibdil fil-klima, u t-tranżizzjonijiet fil-politiki dwar l-enerġija u l-ambjent. Il-KESE jenfasizza l-importanza ta' tnejn bir-reqqa u aderenza mal-valuri tal-UE hekk kif jissieħbu membri ġodda.**

Fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Lulju, il-KESE adotta [Opinjoni](#) li tenfasizza l-komplessitajiet tal-proċess ta' tkabbir, li tenfasizza l-ħtieġa għal tnejn, sostenibbiltà, u appoġġ ibbilanċjat kemm għas-setturi agrikoli attwali kif ukoll għal dawg tal-Istati Membri kandidati. Dan it-tkabbir għandu l-għan li jsaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-UE u jnaqqas l-impatt ambjentali tal-agrikoltura. Madankollu, it-tkabbir wassal għal riżultati mħallta fil-passat, li spiss kienu iktar ta' benefiċċju għal intrapriżi agrikoli akbar milli

għal azjendi agrikoli iżgħar u rurali.

Dan ġie indikat mir-relatur tal-Opinjoni, **Stoyan Tchoukanov**, li nnota li waqt li t-tkabbir tal-passat ġeneralment kien ta' suċċess, dan ma kienx ta' benefiċċju kemm għaż-żoni rurali kif ukoll għall-bdiewa fuq skala żgħira. Huwa enfasisza l-ħtieġa li s-sistema agrikola tiġi ġestita bir-reqqa biex jiġi evitat it-tfixkil.

Sabiex tiġi indirizzata miżinformazzjoni potenzjali u tiġi żgurata integrazzjoni bla xkiel, il-KESE jirrakkomanda l-ġbir komprensiv tad-data u l-monitoraġġ tar-riformi agrikoli. Il-pajjiżi kandidati se jkollhom jadattaw għall-politika agrikola komuni (PAK) li qed tevolvi, li issa iktar qed tenfasizza s-servizzi tal-ekosistema milli l-appoġġ tradizzjonali. It-tkabbir huwa mistenni li jżid iż-żona agrikola tal-UE b'mod sinifikanti, speċjalment bl-adeżjoni tal-Ukrajna, li waħedha tespandiha bi kwart.

Il-KESE jirrakkomanda approċċ ta' integrazzjoni gradwali, b'baġits iddedikati biex jappoġġjaw is-sottosetturi agrikoli l-aktar milquta, b'mod partikolari l-SMEs. Ir-riformi futuri tal-PAK għandhom jiffukaw fuq is-sostenibbiltà, jissostitwixxu s-sussidji bbażati fuq l-ettari b'inċentivi bbażati fuq il-benefiċċji ambjentali u soċjetali.

B'mod ġenerali, il-KESE jappella għal proċess ta' tkabbir bir-reqqa u appoġġjat sew biex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jibbenefikaw minnu u li l-prattiki agrikoli tal-UE jibqgħu sostenibbli u ekwi fil-isfond ta' tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jikbru.



## [Il-KESE jappella għal miżuri addizzjonali biex tingħata spinta lill-kapaċitajiet tal-UE f'materjali avvanzati](#)

**Il-KESE kkritika l-pjan attwali tal-Kummissjoni Ewropea għall-materjali avvanzati minħabba n-nuqqas ta' finanzjament, ta' miri kwantifikabbli u ta' indikaturi tas-sostenibbiltà tiegħu. Fl-Opinjoni tiegħu dwar il-Komunikazzjoni rilevanti tal-Kummissjoni, huwa jirrakkomanda strateġija komprensiva biex l-UE ssib postha bħala mexxejja globali f'dan is-settur vitali.**

“Il-materjali avvanzati huma kruċjali għall-industrija, it-tkabbir ekonomiku u s-sostenibbiltà fl-UE. Neħtieġu indikaturi tas-sostenibbiltà fil-proċessi kollha tal-produzzjoni u rridu niżguraw il-ħiliet it-tajba u forza tax-xogħol ikkwalfikata,” qal **Anastasis Yiapanis**, relatur tal-Opinjoni.

Il-Kumitat iwissi li l-pjan tal-Kummissjoni huwa nieqes mill-ambizzjoni u mill-miri speċifiċi meħtieġa biex tiġi żgurata t-tmexxija industrijali tal-UE. Il-korelatur **Gerardo Luis Arroyo Herranz** enfażizza n-nuqqas ta' miri kwantifikabbli, skadenzi u indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni. Il-KESE jappella għal approċċ strateġiku kuraġġuż biex jissaħħu l-kapaċitajiet tal-UE f'materjali avvanzati u jipproponi l-inklużjoni tal-kura tas-saħħa bħala qasam strateġiku minħabba l-impatt industrijali sinifikanti tagħha.

Rakkomandazzjoni ċentrali hija t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari biex titnaqqas id-dipendenza fuq il-materja prima. Dan jeħtieġ kooperazzjoni msaħħa bejn l-industrija, l-akkademja u dawk li jfasslu l-politika, investiment sostanzjali fir-riċerka u l-iżvilupp, u l-iżvilupp tal-ħiliet. “Mingħajr persuni b'ħiliet adegwati, kwalunkwe azzjoni tista' tfalli. L-UE trid timplimenta programmi ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid u inizjattivi ta' edukazzjoni vokazzjonali,” qal is-**Sur Arroyo Herranz**.

Il-KESE jqis li l-EUR 250 miljun proposti għal materjali avvanzati taħt Orizzont Ewropa mhum iex biżżejjed u jappella għal finanzjament aktar sostanzjali, inċentivi bbażati fuq it-taxxa u proċessi burokratiċi simplifikati biex jiġu stimolati l-investiment u l-innovazzjoni. L-iżgurar ta' provvista stabbli ta' materja prima kritika huwa wkoll ta' tħassib.

Il-KESE jirrakkomanda t-tisħiħ tal-kapaċità domestika tal-UE u d-diversifikazzjoni tas-sorsi, inklużi sħubijiet mal-Korea t'Isfel u l-Istati Uniti u kuntratti fit-tul ma' pajjiżi iżgħar biex jittaffa t-tfixkil fil-provvista. (gb)



## Sej? a biex ji?i indirizzat ir-rwol tal-indukraturi

**Il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tagħmel is-suġġett tal-indukraturi informali prijorità politika u tistabbilixxi pjattaforma għall-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri.**

F'Lulju, il-KESE adotta [Opinjoni](#) u sejjaħ għat-teħid ta' miżuri addizzjonali, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak nazzjonali, biex jiġu protetti aħjar il-persuni li jindukraw b'mod informali u jiġi rikonoxxut il-kontribut essenzjali tagħhom għas-soċjetà.

Dawn il-miżuri jinkludu: it-twaqqif ta' pjattaforma mill-Kummissjoni Ewropea għall-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri, il-forniment ta' servizzi ta' kwalità għolja u aċċessibbli bbażati fil-komunità biex jittaffa l-piż fuq l-indokraturi tal-familja, u l-forniment ta' servizzi ta' solliev. Huwa kruċjali wkoll li l-indokraturi jkunu jistgħu jaċċessaw kundizzjonijiet tax-xogħol flessibbli, sabiex ma jkunux imġiegħla jħallu

xogħolhom biex jieħdu ħsieb il-membri tal-familja.

**Pietro Barbieri**, relatur tal-Opinjoni, qal: "Il-KESE jinsab lest biex isemma' leħen grupp ta' nies fis-soċjetà tagħna li ħafna drabi ma jidhrux: l-indokraturi infomali. Dawn il-persuni ħafna drabi jiġu mġiegħla jħallu xogħolhom u b'konsegwenza ta' dan jitlef l-introjtu u ħafna mid-drittijiet tagħhom. Il-persuni li jindukraw b'mod informali jwettqu dan ix-xogħol li ma jidhirx. Issa wasal iż-żmien li noħorġu fid-dieher l-isforzi tagħhom".

Il-KESE jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri adatti biex jiggarantixxu li deċiżjoni li tittieħed dwar il-kura informali tkun volontarja, li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri, u li l-persuni li jindukraw b'mod informali jkunu jistgħu jżommu l-impjieg u l-paga tagħhom permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol aktar flessibbli u jkunu jistgħu jidħlu lura faċilment fis-suq tax-xogħol jekk ikunu ġew imġiegħla joħorġu minnu. Huwa importanti li niżguraw li jkollhom bilanċ adegwat bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

L-indukrar informali ma jaffettwax lill-irġiel u lin-nisa bl-istess mod. Perċentwal enormi ta' persuni li jindukraw b'mod informali huma nisa. Madwar 70 % jieħdu ħsieb uliedhom, il-konjuġi jew ħuthom. Minbarra li huma esposti għal riskji ogħla ta' eżawriment u disturbi psikofiziċi, dawn in-nisa jinsabu f'riskju serju ta' faqar. "Għandna waħda mill-aħjar sistemi ta' protezzjoni soċjali fid-dinja, iżda f'ħafna każijiet, din tiddependi fuq in-nisa stess, dirgħajhom u l-volontà tagħhom," qal is-Sur Barbieri.

Sabiex ikun jista' jiġi mmonitorjat l-impatt tar-regoli u r-regolamenti rilevanti, huwa importanti ferm li jkun hemm aċċess għal data kwalitattiva u kwantitattiva li tiddekrivi l-kundizzjonijiet tal-għajxien attwali tal-persuni li jindukraw b'mod informali. Il-KESE jappella sabiex jiġu adottati aktar strateġiji ta' riċerka, b'mod partikolari bil-kooperazzjoni tal-Eurofound u l-involvement tal-partijiet interessati rilevanti.



## Nirrivitalizzaw id-demokrazija fl-Ewropa: hemm b'? onn ta' azzjoni ur?enti biex innaqqsu d-distakk u nispiraw il-bidla

**L-elezzjonijiet Ewropej urew li l-maġġoranza pro-Ewropea għadha valida, iżda wrew ukoll li l-votanti fl-UE kollha qed jitolbu reazzjonijiet politiċi u leġiżlattivi urġenti għall-isfidi mqajma fil-kampanja elettorali. Inkella, ir-riskju jkun li l-maġġoranza pro-Ewropea tiflew l-appoġġ peress li ċ-ċittadini jistgħu dejjem aktar iwarribu l-forzi politiċi tradizzjonali.**

Fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Lulju, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) ospita dibattitu dwar l-istat tad-demokrazija fl-Ewropa mal-President tal-Parlament Ewropew, **Roberta Metsola**, u r-rappreżentanti tal-gruppi politiċi tal-Parlament Ewropew li għadu kif ġie elett.

Il-President tal-KESE **Oliver Röpke** qal li “l-elezzjonijiet Ewropej f’Ġunju kienu twissija u huwa d-dmir tagħna li nirriflettu dwar l-istat tad-demokrazija llum, wara dawn ir-riżultati elettorali. Aħna magħqudin fil-konvinzjoni tagħna li l-Unjoni Ewropea hija l-unika tweġiba f’dan ir-rigward, li twassal għal forma ta’ demokrazija li b’mod viżibbli ttejjeb il-ħajja madwar l-Ewropa.”

Sabiex jiġi kkonsolidat l-appoġġ għad-demokrazija fl-Ewropa, l-UE, kif enfasizzat **Roberta Metsola**, trid turi li l-politika għadha l-aħjar aġent għal bidla pożittiva fis-soċjetajiet u l-komunitajiet. “L-impjegaturi, il-ħaddiema u s-soċjetà ċivili huma essenzjali għall-bini tal-Ewropa – fil-bliet kbar u żgħir u fir-reġjuni Ewropej tagħna. Għax hemmhekk tibda l-Ewropa u hemmhekk id-demokrazija ssir azzjoni konkreta.”

Fid-dibattitu mar-rappreżentanti tal-gruppi politiċi, **Željana Zovko**, Viċi President tal-Partit Popolari Ewropew (PPE), l-akbar grupp fil-Parlament Ewropew, qalet li l-Grupp jistenna li l-politiki mibdiya matul il-mandat preċedenti jtkomplew. **Ana Catarina Mendes**, Viċi President tal-Grupp Soċjalisti u Demokratiċi (S&D), qalet li kien essenzjali li ssir enfasi fuq l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u li jiġi miġġieled il-faqar. **Dan Barna**, Viċi President tal-Grupp Renew, ħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea l-ġdida biex tiddefendi l-istat tad-dritt billi tuża l-għodod eżistenti b’mod aktar effettiv. **Kira-Marie Peter-Hansen**, Viċi President tal-Grupp tal-Ħodor/ALE, tkellmet dwar kemm kien importanti li l-Patt Ekoloġiku jinżamm bħala politika kruċjali tal-UE. **Martin Schirdewan**, kopresident tal-Grupp tax-Xellug, għamilha ċara li se jistieden lill-Kummissjoni l-ġdida biex tindirizza l-ispiża tal-kriżi tal-akkomodazzjoni. (mt)



## Id-diġitalizzazzjoni tal-enerġija – Il-konsumaturi je ?ti?ilhom ikunu jistgħu jkomplu jagħ?lu bejn metodi diġitali u prediġitali

**Fis-sessjoni plenarja ta' Lulju tal-KESE ġiet adottata l-Opinjoni  
dwar Id-diġitalizzazzjoni tal-enerġija: nibbilanċjaw l-  
opportunitajiet u r-riskji għall-konsumaturi Ewropej.**

Din l-Opinjoni, abbozzata mill-membri tal-KESE **Kęstutis Kupšys**, tindika li l-enerġija għandha tibqa' affordabbli, aġġustabbli u faċli biex tintuża għall-konsumaturi. Id-diġitalizzazzjoni tal-enerġija ma tfissirx "diġitali biss".

Jeħtieġ li l-konsumaturi jibqgħu l-oġġla prijorità u li jiġu ppreservati l-modi tradizzjonali ta' negozjar. Jeħtieġ li l-UE tagħmel progress fl-iżvilupp ta' għodod diġitali faċli għall-utent li jakkomodaw ħtiġijiet diversi u jippromovu aċċess uguali għas-servizzi tal-enerġija diġitali.

Madankollu, l-utenti xorta għandhom ikunu jistgħu jagħżlu l-prezzijiet, il-kuntratti u s-servizzi tal-klijenti b'mod "prediġitali". "Id-diġitalizzazzjoni tal-enerġija toffri opportunitajiet u sfidi. Irridu naħdmu flimkien biex niżguraw li t-tranżizzjoni tal-enerġija diġitali tkun inklużiva, sigura u verament ta' benefiċċju għall-konsumaturi Ewropej kollha, u b'hekk il-punti b'saħħithom jinbidlu f'opportunitajiet," qal **is-Sur Kupšys**.

L-indisponibilità reċenti tal-IT ikkawżat kaos fil-qasam tat-trasport u tan-negozji fid-dinja kollha, u wriet kemm huwa importanti li ma jkunx hemm dipendenza eċċessiva fuq it-teknoloġija.

Il-vantaġġi tat-tranżizzjoni lejn enerġija diġitali ma jridux jaħbu l-lat l-ieħor tal-kwistjoni: ir-riskji u l-isfidi. Għal din ir-raġuni, il-protezzjoni tal-konsumaturi u l-appoġġ għall-ħaddiema għandhom jibqgħu fil-quċċata tal-aġenda.

Huwa importanti li jinħolqu regolamenti dinamiċi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur adattati għall-kuntatti u l-partiċipanti ġodda fis-settur, iżda wkoll li jiġu offruti taħriġ, programmi ta' taħriġ mill-ġdid u assistenza finanzjarja lill-ħaddiema. (mp)



## [Il-bini Van Maerlant \(VMA\) feta? il-bibien tieġ?u g?all-pubbliku g?all-Jiem tal-Wirt 2024](#)

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, f'kollaborazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni, qabel li jinkludi l-bini Van Maerlant (VMA) tiegħu fl-edizzjoni ta' din is-sena tal-[Jiem tal-Wirt](#), organizzata minn [Urban Brussels](#), li saret fi tmiem il-ġimgħa tal-14 u l-15 ta' Settembru.**

Il-viżitaturi gawdew minn żjarat iggwidati tal-bini, li fihom setgħu jtilgħu t-taraġ tal-irħam tar-rotunda biex jiskopru l-arkitettura oriġinali mill-bidu tas-snin tmenin, ir-raba' sular li ġie kompletament rinnovat u modernizzat bis-soluzzjonijiet innovattivi u ekoloġiċi tiegħu, kif ukoll l-aktar parti rikonoxxibbli tal-bini – il-pont pedonali b'żewġ sulari fuq Rue Belliard bl-iskultura magħrufa *Le fil d'Ariane*, magħmula mill-iskultur Belġjan Jean-Paul Laenen fl-1991.

Il-Jiem tal-Wirt ta' Brussell (Journées du Patrimoine/Open Monumentendagen) huma avveniment annwali li jiċċelebra l-istorja rikka tal-Art Nouveau fil-belt. Kemm ir-residenti kif ukoll it-turisti huma mistiedna jesploraw diversi binjiet fil-belt kapitali kollha, b'fokus speċjali għal dawk normalment magħluqin għall-pubbliku.

Aktar informazzjoni hija aċċessibbli hawnhekk: [Jiem Ewropej tal-Wirt | Jiem Ewropej tal-Wirt](#) (cw)

---



#ConnectingEU2024

CONNECTING EU SEMINAR 2024

A bastion of democracy:  
helping journalism  
survive and thrive

17 - 18 October 2024

EESC | Brussels



## Il-ba?i tad-demokrazija: l-avveniment ewlieni ta' komunikazzjoni tal-KESE ser ikun iddedikat g?all-?urnali?mu

**Is-seminar tal-KESE “Nikkollegaw l-Ewropa”, li kull sena jlaqqa’ flimkien professjonisti tal-komunikazzjoni mill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, se jsir fi Brussell fis-17 u t-18 ta’ Ottubbru 2024. Se jiffoka fuq il-ġurnaliżmu u l-importanza li jitħarsu l-indipendenza u r-rilevanza tiegħu fil-kuntest tal-pressjoni politika dejjem tikber fuq il-media u l-mod kif kibret b’daqstant ħeffa l-IA ġenerattiva.**

Bit-titolu “Il-ba?i tad-demokrazija: ngħinu lill-ġurnaliżmu jissopravvivi u jikber”, is-seminar se jinkludi żewġ panels u sessjoni ta’ networking:

**Ġurnaliżmu responsabbli fl-era ta’ post-verità** – il-livelli tad-demokrazija qed jonqsu ?afna madwar id-dinja u l-?urnalisti qed i?abbtu wi??hom ma’ sfidi ?odda, b?all-u?u dejjem aktar makakk tal-IA g?at-tixrid ta’ a?barijiet foloz. Barra minn hekk, l-isfidi l-antiki, b?an-nuqqas ta’ trasparenza tas-sjeda tal-media jew finanzjament insuffi?jenti, jidhru li se jibqg?u. X’s?e jkun me?tie? biex il-?urnali? mu jibqa’ pedament tad-demokrazija? Il-?urnali?mu responsabbli huwa sa?ansitra vijabbli llum? F’dinja fejn il-mezzi tal-media qed jikkompetu mal-influenzaturi jew mal-medja so?jali b?ala s-sorsi tal-a?barijiet, il-?urnali?mu se jkollu jer?a’ jivvinta lilu nnifsu biex jibqa’ ?id pubbliku? L-a??ar atti tal-UE jistg?u jg?inu biex l-IA ssir alleat tal-libertà tal-istampa?

**Xogħol perikoluż - rapportar investigattiv** - il-?urnali?mu investigattiv g?andu storja twila li j?ieg?el lil dawkl-poter jag?tu rendikont ta’ azzjonijietom u jag?ti vu?i lil dawkl li qed ifittxu li jirrapportaw abbu? ta’ po?izzjoni u privile??. X’tipi ta’ sfidi g?andhom jaffrontaw il-?urnalisti investigattivi biex jix?tu dawl fuq il-verità? X’protezzjoni g?andhom g?ad-dispo?izzjoni tag?hom biex jipprote?u lilhom infushom minn theddid? Il-le?i?lazzjoni l-?dida tal-UE tista’ ti? gura aktar libertà u setg?a g?alihom?

**Xogħol b?ħala uffiċjal tal-istampa jew tal-komunikazzjoni fl-era ta’ Instagram, TikTok u IA - kif twassal il-messaġġ tiegħek** (sessjoni ta’ networking u sessjonijiet ta’ ?idma) – Permezz ta’ pre?entazzjonijiet u sessjonijiet ta’ ?idma pratti?i, is-sessjoni g?andha l-g?an li toffri ?arsa lejn dinja ?dida ta’ komunikazzjoni ma’ udjenzi differenti, inklu? i?-?g?a?ag?.

Is-seminar “Nikkollegaw l-Ewropa” joffri pjattaforma fejn il-professjonisti tal-istampa u l-komunikazzjoni minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jistgħu jinteraġixxu u jiddiskutu dwar kwistjonijiet attwali ta’ interess komuni li jolqtu lill-Ewropa. Is-seminar ilaqqqa’ membri tal-KESE u rappreżentanti oħra tal-UE, organizzazzjonijiet imsieħba mill-Istati Membri, ġurnalisti u riċerkaturi biex jiddiskutu l-kwistjonijiet jaħarqu tal-ġurnata. Il-programm sħiħ u l-lista tal-kelliema se jkunu disponibbli dalwaqt fis-sit web tal-KESE. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikteb lil: [pressofficers@eesc.europa.eu](mailto:pressofficers@eesc.europa.eu). (II)

# A?BARIJET MILL-GRUPPI



## Il-Kompetittività: sfida kbira g?all-Kummissjoni von der Leyen li jmiss

### **Mill-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE**

**Il-Grupp ta' Min Iħaddem feraħ lill-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen talli reġgħet ġiet eletta f'Lulju u laqa' l-linji gwida politiċi tagħha. Dawn il-linji gwida jimmarkaw bidla sinifikanti lejn l-indirizzar tal-isfida tal-kompetittività li qed tikkrolla, waqt li jirrikonoxxu li din hija kwistjoni kritika importanti daqs it-tibdil fil-klima u s-sigurtà.**

Il-kompetittività u l-prosperità huma finalment prijoritajiet ewlenin. Il-Pjan għall-Prosperità Ewropea l-ġdid għandu l-għan li jiffaċilita l-operazzjonijiet tan-negozju fl-Ewropa, japprofondixxi s-Suq Uniku u jagħti spinta lill-produttività permezz ta' teknoloġiji rivoluzzjonarji. Nilqgħu b'mod partikolari l-enfasi fuq l-iffaċilitar tal-ħajja għan-negozji billi jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni u billi Viċi President jikkoordina dan l-aspett.

Il-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE ilu jappella għal dan l-approċċ, kif jidher ċar mill-prijoritajiet tagħna: [Nixprunaw il-Prosperità għal Kulħadd: Aġenda dwar il-Kompetittività għall-UE](#) u aħna ħerqana li nikkollaboraw dwar l-allinjament tal-implimentazzjoni mal-kundizzjonijiet tad-dinja reali. Il-kompetittività tal-UE ilha taħt theddida serja għal xi żmien. Waqt li l-Ewropa għadha waħda mill-aktar reġjuni innovattivi, siguri u prosperi, qed taqa' lura mill-Istati Uniti u qed titlef il-pożizzjoni tagħha fil-konfront taċ-Ċina fuq diversi metriċi ewlenin, bħat-tkabbir tal-PDG per capita, fejn l-Istati Uniti ilhom bi prestazzjoni aqwa minn dik tal-Ewropa għal dawn l-aħħar għaxar snin. Sinjali ta' twissija aktar granulari ta' din ix-xejra jinkludu l-għadd ta' privattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) u l-livelli ta' investment dirett barrani (IDB).

Din hija r-raġuni għaliex nilqgħu b'mod partikolari l-prijoritajiet li ġejjin fil-linji gwida politiċi għall-Kummissjoni li jmiss:

- Kontroll tal-kompetittività m'edded u Ftehim Interistituzzjonali dwar is-simplifikazzjoni u t-tfassil a?jar tal-li?ijiet
- Investment imsa??a? sew ma' Unjoni Ewropea tat-Tfaddil u l-Investimenti
- ?ieda fl-infiq fuq ir-ri?erka biex issir enfasi fuq prijoritajiet strate?i?i, ri?erka rivoluzzjonarja u e??ellenza xjentifika
- L-istabbiliment ta' status legali ?did fl-UE kollha biex jg?in lill-kumpaniji innovattivi jikbru
- Patt g?al Industrija Nadifa biex isir investment fl-infrastruttura u fl-industrija, u biex b'hekk jitnaqqsu l-prezzijiet tal-ener?ija u ji?u appo??jati kumpaniji fl-isforzi tag?hom ta' ekolo?izzazzjoni.



## Il-progress so?jali huwa l-futur tal-Unjoni Ewropea


### Mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

**Hemm tendenza li xi ġrajjet jiġu ttikkettati b'mod eċċessiv b'ħala mumentali u avvenimenti tas-seklu, li jwasslu għal użu eċċessiv ta' din l-espressjoni. Madankollu, peress li l-Kummissjoni Ewropea l-ġdida waslet biex tiġi ffurmata, ninsabu f'wieħed minn dawk il-mumentali determinanti: il-lemin estrem qed jiżdied u l-iskuntentizza qed tinfirex fil-kontinent kollu, il-gwerra fl-Ukrajna għaddejja sew u hemm il-periklu li l-gwerra ta' Gaża ssir gwerra reġjonali miftuħa.**

Id-damma għadha ma ġietx mitfugħa fuq in-naħa l-oħra tal-Atlantiku, iżda t-tariffi li qed jiżdiedu u l-gwerra kummerċjali li qed tikber maċ-Ċina għadhom hemm, li x'aktarx jirriżultaw f'xokkijiet sussegwenti fil-ktajjen tal-provvista u fil-prezzijiet tal-konsumatur li fl-aħħar mill-aħħar se jinħassu mill-popolazzjoni.

Sadanittant, fir-rebbiegħa, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-UE qablu dwar [regoli ġodda ta' awsterità għall-UE](#), u l-Istati Membri tal-UE "prudenti" jkomplu jimblukkaw riżorsi proprji addizzjonali jew għażliet ta' self. L-UE qed tiffaċċja pressjoni klimatika, inkwiet soċjali, estremiżmu u faxxiżmu dejjem akbar, kif ukoll l-iskreditar tad-demokrazija u l-awtoritarjaniżmu li qed jiżdied, li – flimkien mat-theddida tal-qerda nukleari u l-gwerra miftuħa fil-fruntieri tagħha – għandhom jagħtu lill-mexxejja tal-UE ftit spinta biex jabbandunaw il-viżjoni qasira u l-ġlied intern tagħhom. Kwalunkwe politika li tinjora (jew li sempliċement tindirizza b'mod xejn konkret) l-inugwaljanza u l-ġustizzja x'aktarx se tfalli. Iċ-ċittadini huma għajjenin jisimgħu diskorsi u kliem li donnhom jinstemgħu tajbin, imma fil-verità isibu ruħhom dejjem aktar f'sitwazzjonijiet diffiċli u qed jiṭṭhabtu biex ilaħḥqu mal-ħajja, fejn jaraw biss li l-impjegi tagħhom qed jisparixxu u l-introjtu tagħhom dejjem jonqos. Il-populiżmu tal-lemin estrem qed jieħu vantaġġ minn dan kollu, waqt li jevita mistoqsijiet fundamentali billi jpoġġi t-tort fuq l-immigranti.

Mingħajr il-ġustizzja soċjali mhu se jkun hemm l-ebda stabbiltà u l-ebda msieħeb affidabbli fi kwalunkwe Stat Membru. U mingħajrha, l-għaqda meħtieġa biex jiġi indirizzat dak li qed tiffaċċja l-UE mhux se tkun hemm. [Ejjew nagħmlu progress soċjali](#) l-forza li tgħaqqad wara din il-leġiżlatura l-ġdida tal-UE.



## Studju ʔdid tal-KESE: Kif jinqered il-faqar fil-ʔ iliet fost dawk l-aktar vulnerabbli?

### **Mill-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE**

**L-impjieg ta' għada se jirrikjedu l-ħiliet meħtieġa biex tinkiseb it-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali u jiġu indirizzati l-bidliet demografiċi. Meta ninvestu fit-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid, kif nistgħu niżguraw li dawn il-miżuri jilħqu wkoll lil dawk l-aktar vulnerabbli? X'inhuma d-differenzi attwali fil-ħiliet u kif inhuma marbuta mal-faqar?**

FI-10 ta' Lulju, il-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili tal-KESE esplora dawn il-mistoqsijiet bħala parti minn dibattitu tematiku li matulu **tnieda studju ġdid tal-KESE**, intitolat **Kif jista' jinqered il-faqar tal-ħiliet fost dawk l-aktar vulnerabbli?**. L-istudju ġie kkummissjonat mill-KESE fuq talba tal-Grupp b'rabta mas-Sena Ewropea tal-ħiliet (2023). Dan jeżamina l-kunċett ġdid tal-faqar fil-ħiliet, jipproponi definizzjoni, jinvestiga l-iżprunaturi u s-soluzzjonijiet possibbli, u jwitti t-triq għal aktar riċerka dwar dan is-suġġett fil-futur. Waħda mill-konklużjonijiet tiegħu hija li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol uniku x'jaqdu biex jidentifikaw u jappoġġjaw individwi vulnerabbli li jeħtieġu jtejbju l-ħiliet tagħhom. Huma għandhom jaħdmu mill-qrib mal-komunitajiet u l-awtoritajiet lokali, waqt li jagħmlu użu tajjeb min-networks tagħhom u jiżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura fir-rigward tal-edukazzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet.

Id-dibattitu inkluda kontributi minn **Juliana Wahlgren**, Direttur tan-Network Ewropew Kontra l-Faqar (EAPN), li ddiskutiet il-fatturi sottostanti li jaffettwaw l-aċċess għall-ħiliet, u minn **Agnieszka Maj**, riċerkatriċi fiċ-Ċentru għar-Riċerka Soċjali u Ekonomika (CASE), li wettqet l-istudju.

Għall-artiklu kollu dwar id-dibattitu tematiku u intervista mal-awturi, ara [s-sit web tal-avveniment](#).

**L-istudju u s-sommarju eżekuttiv** jinsabu [hawnhekk](#).

---

## SPORTS IN FOCUS



## Flimkien favur il-valuri tal-Olimpjadi tal-2024 f'Pariži

**Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jieħu l-inizjattiva li japprova l-valuri minquxa fl-Olimpjadi tal-2024 f'Pariži, mill-perspettiva tas-soċjetà ċivili.**

Fix-xenarju ġeopolitiku fraġli tal-lum, il-KESE qed iressaq b'mod simboliku l-idea ta' *tregwa* matul iċ-ċelebrazzjoni tal-logħob, biex tirrifletti t-tliet valuri oriġinali *tal-eċċellenza, ir-rispett u l-ħbiberija*. Is-soċjetà ċivili organizzata hija favur l-ispiritu tal-bini ta' dinja paċifika u aħjar permezz tal-edukazzjoni taż-żgħażaġh bi sport li jiġi pprattikat mingħajr diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip, u fi spirtu ta' ħbiberija, solidarjetà u logħob ġust.

**Oliver Röpke**, il-President tal-KESE, qal li: "Il-Logħob jirrappreżenta l-ispiritu ta' għaqda u paċi, li ma jagħrfux fruntieri u jlaqqgħu flimkien lill-persuni minn kull qasam tas-soċjetà. Billi nirrakkomandaw dawn il-valuri, nittamaw li nispiraw moviment globali favur il-paċi u s-solidarjetà."

**Laurențiu Plosceanu**, il-Viċi President tal-KESE għall-Komunikazzjoni, qal li: "B'din l-inizjattiva nixtiequ napprovaw il-valuri tal-isport li ma jeqdiemu qatt. Il-valuri li qed niddefendu għandhom is-setgħa li jbiddu dinja u jgħaqqdu lin-nies u lill-pajjiżi."

**Krzysztof Pater**, il-Viċi President tal-KESE għall-Baġit, qal li: "Il-Logħob ta' Pariži juri li kulħadd għandu d-dritt li jagħmel parti minn din iċ-ċelebrazzjoni kbira tal-isports mingħajr diskriminazzjoni. Il-persuni b'diżabilità huma eżempju b'saħħtu għall-udjenzi madwar id-dinja, u jenfasizzaw il-valuri tal-kuraġġ, id-determinazzjoni u l-ugwaljanza."

**Dimitris Dimitriadis**, eks President tal-KESE u President tas-Sezzjoni għar-Relazzjonijiet Esterni tal-KESE, qal: "*It-tregwa*, jew '*Ekecheiria*' bil-Grieg oriġinali, issa tidher aktar f'waqtha minn qatt qabel. Jeħtieġ li din l-idea tat-tregwa nagħtuha l-ħajja u nħaddmuha fil-prattika bħala tama biex nispiraw l-umanità u nippromovu l-paċi u d-djalogu."

**Giulia Barbucci**, eks Viċi President tal-KESE għall-Baġit u Membru tal-KESE, qalet: "Għall-ewwel darba fl-istorja, se jkun hemm parteċipazzjoni uguali bejn l-irġiel u n-nisa fil-Logħob ta' Pariži. Iżda rridu niftakru li l-parità fil-parteċipazzjoni mhijiex l-ugwaljanza u għad hemm ħafna xi jsir fir-rigward ta' dan l-oġettiv fl-isport."

**Isabel Caño Aguilar**, eks Viċi President tal-KESE għall-Komunikazzjoni u Membru tal-KESE, qalet: "Ix-xewqa tiegħi għal-Logħob ta' Pariži hija li l-kategoriji kollha ta' persuni b'diżabilità jkun rappreżentati b'mod ekwu, bid-dritt li jikkompetu u jiġu protetti, speċjalment bl-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità intellettuali". (mt)



## “The revived” – l-ewwel tim Olimpiku di?itali tal-Ukrajna

Għal kważi 500 atleta Ukrena maqtula fil-gwerra li r-Russja qed twettaq kontra pajjiżhom, il-ħolma li jieħdu sehem fl-Olimpjadi, jew kwalunkwe kompetizzjoni sportiva futura, inqerdet għal dejjem. Biex iżomm il-memorja tagħhom ħajja, l-NGO Ukrena **BRAND UKRAINE** qed tirrakkonta storja traġika ta’ sitt atleti deċeduti biex, għal mument qasir biss, tqajjimhom mill-mewt permezz tal-intelliġenza artifiċjali. Tkellimna ma’ Tim Makarov, Kap tat-Tim Digital & Content ta’ **BRAND UKRAINE**, li qalilna li l-idea aħħarija tal-[proġett](#), li ġie ppreżentat fil-Logħob ta’ Pariġi, kienet li n-nies jieqfu u jaħsbu dwar il-valur tal-ħajja tal-bniedem.

### **Kif feġġet l-idea għall-proġett?**

Din l-idea nibtet fl-aġenzija BBDO ta’ Berlin. Ġie propost kunċett qafas, idea, biex tintwera l-istorja traġika tal-atleti Ukreni li ma setgħux jipparteċipaw fl-Olimpjadi. L-aġenzija ġiet għandna bil-kunċett, u aħna żviluppajna l-idea u estendejna ċ-ċirku ta’ msieħba, billi laqqajna l-Ministeru Ukren taż-Żgħażaġħ u l-Isport u dak tal-Affarijiet Barranin u l-Uffiċċju tal-President tal-Ukrajna. Fdimna flimkien fuq it-tfassil finali tal-proġett, mentri l-parti teknika baqgħet f’idejn il-BBDO. Bnejna strateġija ta’ komunikazzjoni, u pprovdjina distribuzzjoni tal-kontenut u appoġġ legali. Il-proġett ġie ppreżentat f’Volia House, is-sit uffiċjali tal-Ukrajna fl-

Olimpjadi ta’ Pariġi, bis-saħħa wkoll tal-parteeċipazzjoni ta’ ċerti influwenzaturi.

### **Kemm kien diffiċli li jinġabru stejjer u li jsir il-filmati? Liema tekniki ntużaw biex “tingħata ħajja mill-ġdid” lill-protagonisti?**

L-idea nnifisha hija sempliċi u ċara ħafna – li nirrakkontaw l-istejjer tal-atleti Ukreni li mietu traġikament u noħolqu l-avatars diġitali tagħhom. Għamilna biċċa xogħol inkredibbli. Użajna reġistrazzjonijiet tal-vuċi li ġew iddiġitalizzati, użajna ritratti tal-arkivji u materjali tal-vidjow, u pproċessajna dan kollu bl-għajnuna tal-IA. L-għan tagħna kien li noħolqu kopja diġitali tal-persuna li tkun umana ħafna, ritratt misterjuż li jkun kemm reali kif ukoll irreali. Din kienet l-intenzjoni. L-istejjer tagħhom huma b’saħħithom ħafna, u msaħħa bit-teknoloġija tal-IA, ma jħallu lil ħadd indifferenti. Se nkun onest – dan il-proġett huwa “fix-xifer” ħafna. Meta ddiskutejnieh, bżajna li mhux se jinftiehem, li minħabba s-sens ta’ skumdità li jqanqlu l-filmati, in-nies ma jarawx ir-realtà ġenwina, il-vulnerabbiltà, l-uġiġħ u d-disprament li esprimejna fil-kliem tal-atleti mejtin. Il-proġett jippreżenta idea sempliċi ħafna – persuni li sinċerament iħobbu lil pajjiżhom, li jixtiequ jgħixu u jiksibu riżultati, isiru vittmi taċ-ċirkostanzi meta l-ħolm, il-pjani u ħajjiethom jintemmu ħabta u sabta. Iżda għandhom jiġu mfakkra. Kull att għandu prezzu u sikwit jitkejjel f’termini ta’ ħajjiet u destini tal-bniedem.

### **Żgur li kienet diffiċli ħafna għall-familji tal-atleti li nqatlu biex jieħdu sehem fil-proġett u jaraw il-filmati. X’feedback irċevejt mingħandhom fl-aħħar?**

Naturalment, proġett b'hal dan seta' jsir biss bil-kunsens tal-eqreb qrafa. Dan huwa punt estremament importanti: urejniehom u spjegajniehom x'konna se nagħmlu. Kien hemm diversi tużżani ta' stejjer fil-lista twila – iżda fl-aħħar, qbilna fuq sitta biss. Dan kollu involva ġimgħat ta' negozjati kkumplikati. Iżda meta urejna r-riżultat finali, il-ġenituri ma setgħux iżommu lura d-dmugħ. Qalulna: "Grazzi. Qed tagħmlu biċċa xogħol straordinarja li se żżomm ħaġġa l-memorja ta' uliedna." Sa fejn naf jien, haġġ ma ddispijaċih li ħa sehem. Iffirmajna d-dokumenti legali kollha meħtieġa, u huwa biss wara dan li l-proġett ingħata l-approvazzjoni. Kollox kien lest għal-Logħob Olimpiku, u morna Pariġi għal ġimagħtejn biex nuru u nirrakkontaw sitt stejjer straordinarji. Tali livell ta' suċċess ma kienx mistenni – ir-reazzjoni għall-proġett qabżet l-aspettattivi kollha tagħna. U dan mhuwex sorprendenti, peress li fid-dinja moderna tal-komunikazzjoni globali stejjer veri jipprovokaw emozzjonijiet kumplessi u kontradittorji.

### **X'inhum l-messaġġ ewlieni tal-proġett - x'tittama li jftakru t-tele spettaturi wara li jaraw il-filmati?**

BRAND UKRAINE hija impenjata biex ixxerred il-verità dwar l-Ukrajna u r-realtajiet tagħha fil-kuntest tal-aggressjoni Russa. Għal dan l-għan nużaw stejjer umani. Ninsab ċert li dawn iwasslu bl-aħjar mod l-uġiġħ, il-kburija, l-entużjażmu, ir-rebħiet u t-telfiet tagħna, dak li jagħmilna bnedmin, nazzjon b'saħħtu u kuraġġu. Din hija l-missjoni tagħna – mhux biss li nitkellmu dwar l-Ukrajna, iżda wkoll li nagħmluha *lovemark* (kunċett li jevoka konnessjoni emottiva profonda) għad-dinja kollha. Din hija l-linja li qed naħdmu fuqha issa u se jkun hemm aktar proġetti kbar b'hal dan li jmissu l-qlub tan-nies u jagħtu opportunità biex wieħed jiegħaf u jaħseb dwar il-valur tal-ħaġġa tal-bniedem.

Tistgħu taraw il-filmati u r-ritratti [hawnhekk](#) u fuq Instagram:

<https://www.instagram.com/p/C-Dd7B7tueo/>

<https://www.instagram.com/p/C-SkUtONRJR/>

<https://www.instagram.com/p/C-VHXOtdtps/>

[https://www.instagram.com/p/C-YG\\_wHtNke/](https://www.instagram.com/p/C-YG_wHtNke/)

<https://www.instagram.com/p/C-ajpwSN7A6/>

<https://www.instagram.com/p/C-dWm1vNzDW/>

**Tim Makarov** huwa l-Kap tat-Tim Content & Digital ta' BRAND UKRAINE. Huwa għandu 20 sena esperjenza fil-ġurnaliżmu, il-kummerċjalizzazzjoni u l-komunikazzjoni diġitali. Il-vokazzjoni tiegħu hija li jirrakonta l-istejjer u joħloq proġetti li jibddu d-dinja għall-aħjar.

---



Photo by Tomislav Štuka

## Tfal b'di?abilità: nistg?u nag?mlu kollox, forsi nag?mlu ?erti affaijiet ftit differenti.

**Jan Štuka ta' 11-il sena minn Zagreb, il-Kroazja, għandu spina bifida u jista' jimxi biss bl-għajnuna ta' ortosi u walker, iżda dan mhux qed iwaqqfu milli jkun atleta ta' suċċess. FI-2023 rebaħ il-premju tal-aqwa plejer żagħżuġ tal-para basketball Kroat, Jan ikkompetita wkoll fl-għawm u issa jipprattika l-iskijjar Nordiku. Fil-ħin liberu, jilgħab il-futbol ma' sħabu u jiskorja b'idejh. Jan u ommu, Jasmina Bogdanović, kellmuna dwar l-opportunitajiet sportivi għat-tfal b'diżabilità u spjegawlna għaliex huwa importanti li nittrattawhom bl-inqas mod possibbli bħala persuni bi bżonnijiet speċjali.**

### **JAN:**

#### **Meta bdejt tipprattika l-isport u liema sport ipprattikajt sa issa?**

Bdejt ngħum fl-iskola tal-għawm meta kelli sentejn. Fl-età ta' erba' snin, ingħaqadt mal-Klabb tal-Għawm Natator għall-persuni b'diżabilità, fejn tgħallimt it-tekniki kollha tal-għawm u ħadt sehem f'xi kompetizzjonijiet. Ta' 11-il sena ma bqajtx fil-Klabb għax bdejt niddejjaq hemm.

Ta' tmien snin, bdejt nipprattika l-iskijjar Nordiku għall-persuni b'diżabilità u bdejt nilgħab il-basketball f'siġġu tar-roti. Għadni nipprattikahom it-tnejn li huma u issa saru l-isports favorit tiegħi.

Ippruvajt ukoll ir-rock climbing u vera ħadt gost, iżda ma għandix il-ħin biex nipprattika dan l-isport ukoll. Barra minn hekk, għamilt ċiklu ta' taħriġ ta' Krav Maga għal sajf wieħed. Ħadt pjaċir u nixtieq jerġa' jkolli l-okkażjoni li nipprattikah fil-futur.

#### **Xi premijiet irbaħt u liema wieħed ifisser l-aktar għalik?**

Irbaħt diversi premijiet mal-klabb tal-basketball, iżda l-favorit tiegħi huwa l-premju għall-aqwa atleta żagħżuġ tal-2023 fil-kategorija tiegħi, li jingħata mill-assoċjazzjoni ta' Zagreb għall-isportivi bi bżonnijiet speċjali.

#### **Kif tkun il-ġurnata tiegħek meta jkollok it-taħriġ? Kemm-il darba titħarreġ fil-ġimgħa normalment?**

Filgħodu mmur l-iskola. Wara l-iskola, l-ewwel nagħmel ix-xogħol tad-dar, wara noħroġ niltaqa' ma' sħabi, u filgħaxija nattendi waħda mis-sessjonijiet ta' taħriġ. Sa issa, immur għat-taħriġ tal-iskijjar fuq art xotta darba fil-ġimgħa, basketball darba fil-ġimgħa u mmur ngħum darba jew darbtejn fil-ġimgħa. Minn din is-sena skolastika, se nwaqqaf l-għawm u se nżid it-taħriġ tal-iskijjar għal darbtejn jew tliet darbiet fil-ġimgħa.

Fix-xitwa, immur ukoll fil-kampijiet tal-iskijjar fi Planica fis-Slovenja u f'xi wħud miċ-ċentri tal-iskijjar tal-Awstrija. Jogħġbuni dawk il-kampijiet għax sħabi jmorru hemm ukoll, u għalhekk apparti t-taħriġ ikollna

wkoll opportunità tajba biex nissoċjalizzaw.

Bil-basketball, xi drabi mmorru għal logħob fi bliet oħra madwar il-Kroazja. Tard is-sena li għaddiet, morna wkoll Ruma u Igħabna kontra t-tim tal-basketball tal-Lazio.

### **Għandek xi atleti rġiel jew nisa li tammira? Tixtieq li xi darba tipparteċipa f'kompetizzjoni sportiva internazzjonali?**

L-atleta favorit tiegħi kien Luka Modrić, iżda bħalissa ma għandix idoli, għalhekk ma nsegwi lil ħadd b'mod partikolari.

Nixtieq nipparteċipa f'kompetizzjonijiet sportivi internazzjonali ... kemm fil-basketball kif ukoll fl-iskijjar.

### **JASMINA:**

#### **L-isport għat-tfal b'diżabilità kemm jingħata attenzjoni fil-Kroazja?**

Bħala ġenitur, jidhirli li qed jingħata ħafna attenzjoni. Sfortunatament, il-klabbs huma għatxana biex idaħħlu membri ġodda iżda l-ġenituri mhumix infurmati biżżejjed dwar dawn il-possibiltajiet. Hija ħasra li s-sitwazzjoni hi kif inhi. Naturalment, is-sitwazzjoni fi bliet akbar hija ferm aħjar.

#### **It-tfal b'diżabilità għandhom biżżejjed opportunitajiet u inċentivi biex jipprattikaw l-isport, jew dan jeħtieġ involviment konsiderevoli min-naħa tal-ġenituri?**

It-tfal għandhom opportunitajiet u inċentivi ... dment li huma u l-ġenituri tagħhom iriduhom. Kif għidt, il-ġenituri huma inqas infurmati, u xi wħud minnhom jew ma jridux impenji addizzjonali jew jibzżgħu li t-tfal iweġġgħu waqt l-isports ... Hija ħasra li jaħsbu b'dan il-mod. Apparti dan, il-prattika tal-isports għall-persuni b'diżabilità huwa bla ħlas u, fil-fehma tiegħi, jistimula ħafna kemm is-saħħa fiżika kif ukoll dik mentali, u mingħajr dubju l-integrazzjoni soċjali. Ma nistax ngħid li l-involvement tal-ġenituri huwa akbar minn dak ta' tfal mingħajr diżabilità tal-istess età. Naturalment hemm eċċezzjonijiet b'rabta ma' dijanjożi speċifika: pereżempju, Jan xorta jrid ikun akkumpanjat minn wieħed minna meta jattendi l-kampijiet tal-iskijjar tax-xitwa jew għal-logħob barra Zagreb, iżda aktar ma jikber, din il-ħtieġa probabbilment tonqos u nisperaw li għalina ssir fakultattiva. L-għan huwa li jsir indipendenti f'dan kollu. Diġà jitħarreġ regolari mingħajr l-għajnuna tagħna.

#### **X'tixtieq iżżid bħala ġenitur ta' tifel bi bżonnijiet speċjali?**

Trattawhom l-inqas possibbli bħala tfal bi bżonnijiet speċjali u inkluduhom fl-attivitajiet ta' kuljum skont l-età u l-kapaċitajiet tagħhom, sabiex iħarsu lejhom infushom b'dan il-mod. B'hekk ikollhom stampa tagħhom infushom bħala tfal normali li jagħmlu ċerti affarijiet "b'mod ftit differenti", iżda jagħmluhom xorta waħda! Jan jirkeb rota bi tliet roti, mhux tnejn; jgħum u jogħdos bħal sħabu kollha, iżda ma jħaddimx riġlejh jew iħaddimhom ftit; jilgħab il-futbol mat-tim, iżda jiskorja b'idejh. "Nistgħu nagħmlu kollox, forsi nagħmlu ċerti affarijiet ftit differenti" – jekk jaċċettaw lilhom infushom b'dan il-mod, l-oħrajn jaċċettawhom ukoll.

***Jan Štuka** huwa student ta' 11-il sena minn Zagreb u attwalment jattendi l-ħames sena tal-iskola primarja. Kien membru tal-Klabb tal-Għawm Natator. Huwa membru tal-KKI Zagreb (basketball bis-siġġijiet tar-roti) u tal-Klabb tal-Iskijjar Monoski Zagreb għal persuni b'diżabilità, fejn jitħarreġ regolarment fil-programm tal-iskijjar Nordiku għall-persuni b'diżabilità.*

**Jasmina Bogdanović** għandha lawrja fid-disinn mill-Iskola tad-Disinn fil-Fakultà tal-Arkitettura f'Zagreb. Ħaddmet f'aġenziji kummerċjali differenti għal 20 sena. Bħalissa taħdem part-time u mill-bogħod fi studio żgħir tal-grafika, li jippermettilha takkumpanja lil Jan fil-kampijiet tal-iskijjar u matul l-attivitajiet sportivi l-oħrajn tiegħu. Hija għandha passjoni għaċ-ċikliżmu u tmur kullimkien bir-rota.



## L-aċċessibbiltà għall-Isport: L-introduzzjoni ta' Sport Inklużiv għal Persuni Neqsin mid-dawl Madwar l-Ewropa

**L-Assoċjazzjoni tal-Għajnejn Netherlandiża (Oogvereniging), bl-għajjnuna tan-network tal-Unjoni Ewropea għall-Għomja (EBU), nediet l-inizjattiva tal-Aċċessibbiltà għall-Isport, li tfittex li toffri soluzzjonijiet prattiċi dwar kif jistgħu jitneħħew l-ostakli li jiskoraġġixxu lill-persuni għomja u b'vista parzjali milli jingħaqdu ma' klabbs u assoċjazzjonijiet sportivi fl-UE. Attivist u voluntier tad-diżabbiltà għal Oogvereniging u EBU, Peter van Bleijswijk, jikkellem fit-tul dwar dal-proġett kollaborattiv rivoluzzjonarju, li jwitti t-triq għal sport verament inklużiv. Tista' tgħin ukoll billi twieġeb għall-[istħarriġ](#) dwar l-aċċessibbiltà tal-attivitajiet sportivi u rikreattivi għal persuni b'vista batuta fir-rokna tiegħek tal-Ewropa.**

**Min Peter van Bleijswijk**

Fl-insegwiment ta' inklużività vera fl-isport, l-inizjattiva tal-Aċċessibbiltà għall-Isport min-Netherlands qed twitti triq ġdida billi tiffoka fuq l-isfidi uniċi li jiffaċċjaw persuni għomja u b'vista parzjali. Dan il-proġett li jħares 'il quddiem għandu l-għan li jindirizza u jelimina l-ostakli li jipprevjenu lill-persuni neqsin mid-dawl milli jipparteċipaw bis-sħiħ fl-attivitajiet sportivi u fiżiċi fi klabbs u assoċjazzjonijiet sportivi.

Il-proġett huwa mibni fuq fehim profund tal-ostakli li jiffaċċjaw dawn l-individwi. Wara riċerka estensiva u esperimenti preċedenti, l-Aċċessibbiltà għall-Isport identifikat 10 ostakli ewlenin, li jinkludu d-disponibbiltà ta' coaching speċjalizzat, programmi ta' akkumpanjament, l-aċċessibbiltà fiżika tal-faċilitajiet sportivi u kwistjonijiet ta' trasport. Dawn l-ostakli spiss jiġu injorati iżda għandhom rwol sinifikanti fil-prevenzjoni ta' persuni b'vista batuta milli jgawdu l-benefiċċji tal-isport.

Biex tindirizza dawn l-isfidi b'mod dirett, l-inizjattiva introduċiet il-kunċett ta' "Sport proeftuinen", jew "Sport Labs". Dawn il-laboratorji huma stabbiliti fi klabbs sportivi eżistenti jew bi sħubija ma' fornituri tal-isport, u b'hekk jinħoloq ambjent tad-dinja reali biex jiġu ttestjati soluzzjonijiet potenzjali. Għal kull ostaklu identifikat, jiġu proposti u ttestjati tliet soluzzjonijiet differenti. Is-soluzzjoni l-aktar effettiva mbagħad tiġi rfinata u ttestjata diversi drabi biex jiġu żgurati l-prattiċità u l-effettività tagħha.

Is-sejbiet minn dawn l-esperimenti jinġabru fi "Pjan ta' Azzjoni għall-Isport Diġitali", gwida komprensiva li se tkun disponibbli għall-klabbs, il-fornituri u l-muniċipalitajiet sportivi. Il-pjan ta' azzjoni għandu l-għan li jservi

bħala riżorsa għat-titjib tal-aċċessibbiltà u l-inklużività fl-isport, billi jipprovdi soluzzjonijiet prattiċi li jistgħu jiġu implimentati f'diversi kuntesti.

L-ambizzjoni tal-proġett mhijiex limitata għan-Netherlands. Reċentement, l-Aċċessibbiltà għall-Isport għamlet kuntatt mal-imsieħba Ewropej, inkluża l-EBU, biex tiġbor għarfien u l-aħjar prattiki minn pajjiżi differenti. L-inizjattiva ntaqgħet b'entużjażmu, u bosta organizzazzjonijiet u pajjiżi esprimew ir-rieda li jipparteċipaw fiha. Din il-kollaborazzjoni Ewropea tfittex li ttejjeb l-aċċessibbiltà u l-inklużività tal-isport fuq skala usa', waqt li tiżgura li l-individwi b'vista batuta madwar il-kontinent ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-isforz.

Is-saħħa tal-Aċċessibbiltà għall-Isport tinsab fl-approċċ kollaborattiv tagħha. Il-proġett huwa appoġġjat minn koalizzjoni ta' gvernijiet lokali, l-Assoċjazzjoni tal-Għajnejn Netherlandiża, iċ-Ċentru tal-Għarfien għall-Isport u l-Attività Fiżika, l-Unjoni tal-Atletika u organizzazzjonijiet oħra ddedikati għall-promozzjoni tal-inklużività. Billi tlaqqa' flimkien dawn id-diversi msieħba, l-inizjattiva tingrana firxa wiesgħa ta' għarfien espert u riżorsi biex jinħolqu soluzzjonijiet sostenibbli u li jħallu impatt.

Hekk kif il-proġett ikompli jżid il-momentum, l-Aċċessibbiltà għall-Isport qed tappella għal aktar parteċipazzjoni mill-istituzzjonijiet edukattivi Ewropej u mill-organizzazzjonijiet tas-saħħa tal-għajnejn. It-tim iqis dan bħala pass kruċjali lejn it-trawwim ta' kultura sportiva verament inklużiva madwar l-Ewropa, fejn kulħadd, irrispettivament mill-ħiliet viżivi tiegħu, jista' jipparteċipa fl-isport u jgawdi minnu.

L-aċċessibbiltà għall-Isport hija aktar minn sempliċiment proġett; hija moviment lejn futur fejn ħadd ma jitħalla fil-ġenb. Permezz tal-isforzi kkombinati ta' msieħba ddedikati madwar l-Ewropa, l-inizjattiva għandha l-għan li tagħmel impatt dejjiemi fuq l-aċċessibbiltà tal-isport, waqt li twitti t-triq għal ambjent aktar inklużiv u ekwu għal kulħadd.

Għal dawk interessati li jissieħbu f'dan il-vjaġġ trasformattiv jew li jitgħallmu aktar, l-Aċċessibbiltà għall-Isport tistiednek tinvolvi ruħek u tgħin tiżgura li kulħadd ikollu l-opportunità li jesperjenza l-ferħ u l-benefiċċji tal-isport. Tista' tgħin billi timla [l-istħarriġ dwar l-aċċessibbiltà tal-attivitajiet sportivi u rikreattivi għall-persuni għomja u b'vista parzjali](#) fil-belt jew fir-reġjun tiegħek sas-27 ta' Settembru.

*Peter van Bleijswijk, eks direttur tal-innovazzjoni, il-ġestjoni tal-faċilitajiet u l-ICT u maniġer f'organizzazzjonijiet kemm bi skop ta' qligħ kif ukoll mingħajr skop ta' qligħ, f'dawn l-aħħar snin iffoka fuq il-promozzjoni tal-interessi tal-klijenti. Huwa impenjat b'mod attiv għall-inklużjoni u t-titjib tal-aċċessibbiltà tal-isport għal persuni għomja u b'vista parzjali. Barra minn hekk, huwa jservi bħala voluntier iddedikat għall-Assoċjazzjoni tal-Għajnejn Netherlandiża u l-EBU u huwa involut b'mod attiv fil-gruppi ta' ħidma li jikkollaboraw mal-gvernijiet lokali u nazzjonali. Xogħlu għandu għeruf fondi fid-dedikazzjoni għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja u l-ħolqien ta' opportunitajiet indaqs għall-gruppi vulnerabbli fis-soċjetà.*

---



## Il-KESE: il-promozzjoni tal-isport b'ala forza po' ittiva g'ar-rispett tal-valuri tal-UE

Il-KESE minn dejjem kien fuq quddiem nett fil-promozzjoni tal-isport b'ala forza po'żittiva g'hat-trawwim ta' valuri b'saħħithom f'kull qasam tas-soċjetà.

Fl-Opinjoni tiegħu dwar [L-isport u l-valuri Ewropej](#), imfassla mill-membri **Bernardo Hernández Bataller**, il-KESE jgħid li l-isport jgħin biex jintlaħqu l-oġettivi strateġiċi tal-UE, jagħti prominenza lill-valuri edukattivi u kulturali ewlenin, u huwa mezz ta' integrazzjoni, peress li huwa miftuħ għall-membri kollha tal-pubbliku, irrISPettivament mill-

ġeneru, l-orijini etnika, ir-reliġjon, l-età, in-nazzjonalità, is-sitwazzjoni soċjali jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom. L-isport għandu rwol ċentrali b'ala għodda biex jiġu indirizzati l-intolleranza, il-ksenofobija u r-razziżmu.

Fl-2022, il-ħidma tal-KESE dwar l-isport iffukat fuq l-Opinjoni tiegħu dwar [L-azzjoni tal-UE għall-perjodu ta' wara l-COVID-19: irkupru aħjar permezz tal-isport](#), abbozzat mill-membri **Pietro Barbieri**. Wara l-perjodu twil tal-pandemija, li kellu impatt serju fuq is-settur kollu tal-isport u fuq l-assoċjazzjonijiet sportivi lokali b'mod partikolari, il-Kumitat ressaq l-argument li kien meħtieġ approċċ strateġiku sabiex jissaħħaħ u jiġi promoss ir-rwol tal-isport u tal-attività fiżika fil-bini ta' soċjetà aktar reżiljenti u sostenibbli, b'ala parti mill-proċess usa' ta' rkupru ekonomiku u soċjali.

Il-KESE enfasizza wkoll l-impenn qawwi tiegħu favur iċ-ċikliżmu b'ala mezz ta' trasport tajjeb għas-saħħa u li ma jagħmilx ħsara lill-klima f'diversi Opinijiet, b'hal [Il-promozzjoni tat-trasport transkonfinali bir-rota u l-trasport fiż-żoni urbani u metropolitani](#).

Il-[Lexicon Ewropew ta' Ċikliżmu](#) tal-KESE (l-aħħar edizzjoni ppubblikata fl-2023) huwa eżempju prattiku tal-appoġġ tiegħu għaċ-ċikliżmu. Jiġbor flimkien vokabularju relatat maċ-ċikliżmu fil-lingwi kollha tal-UE u huwa utli għal kull min isaq ir-rota f'pajjiż Ewropew ieħor u lil hinn mill-kontinent.

F'dawn l-aħħar snin, il-KESE organizza u appoġġja wkoll avvenimenti taċ-ċikliżmu. F'Mejju 2024, il-membri tal-KESE **Bruno Choix** mexxa avveniment taċ-ċikliżmu madwar Franza u l-Belġju biex jippromovi l-elezzjonijiet Ewropej u jħeġġeġ lin-nies joħorġu jivvutaw. Fl-2019, għall-**Grand Départ de Bruxelles 2019** (1-7 ta' Lulju 2019) tat-**Tour de France**, il-Kumitat ippromova r-rwol u l-popolarità li qed tikber taċ-ċikliżmu b'ala mezz ta' trasport nadif. (mp)

## Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)  
Laura Lui (ll)

## Il-kontributuri g'al din l-edizzjoni huma

Christian Weger (cw)  
Daniela Vincenti (dv)  
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)

Giorgia Battiato (gb)  
Jasmin Kloetzing (jk)  
Katerina Serifi (ks)  
Katharina Radler (kr)  
Laura Lui (ll)  
Marco Pezzani (mp)  
Margarita Gavanis (mg)  
Margarida Reis (mr)  
Millie Tsoumani (mt)  
Pablo Ribera Paya (prp)  
Simran Grewal (sg)  
Thomas Kersten (tk)

## Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)  
Giorgia Battiato (gb)

## Iindirizz

European Economic and Social Committee  
Jacques Delors Building,  
99 Rue Belliard,  
B-1040 Brussels, Belgium  
Tel. (+32 2) 546.94.76  
Email: [eescinfo@eesc.europa.eu](mailto:eescinfo@eesc.europa.eu)

EESC info is published nine times a year during EESC plenary sessions. EESC info is available in 24 languages  
EESC info is not an official record of the EESC's proceedings; for this, please refer to the Official Journal of the  
European Union or to the Committee's other publications.

Reproduction permitted if EESC info is mentioned as the source and a link is sent to the editor.

07/2024